**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta: 16 ta' Settembru, 2016.**

**Kawza Numru: 755/2014AM3**

**Lista Numru: 29**

**John Micallef (K.I. 431263M)**

**De Vilhena Court Appt, Triq il-Bahhara, Qawra**

**Vs**

**Mario Montesin**

**Casa Topi, Triq il-Kappuccini, Zabbar**

**U b'digriet moghti mit-Tribunal datat nhar il-Gimgha, 06 ta' Frar, 2015 qed jigi kjamat in kawza**

**Jeffrey Montesin**

**15, Maison Rose, Triq Dun Karm Sant, Tarxien**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attur li permezz taghha talab l-hlas tas-somma ta' elf tlett mija u tlieta u sebghin ewro (€1,373) minghand l-konvenut bilanc ta' somma aktar li l-attur jghid li nefaq f'biljetti tal-ajru, lukanda, transport, u *Western Union charges*.

Ra r-risposta ta' Mario Montesin (fol 12) li permezz taghha eccepixxa li l-gudizzju mhux integru stante li l-kawza ghandha tigi ntavolata kontra l-partijiet kollha; li t-talbiet huma infondati fil-fatti u fid-dritt; salvi eccezzjonijiet ulterjuri; bl-ispejjez.

Ra n-nota tal-konvenut Mario Montesin (a fol 13) li ddikjara li Jeffrey Montesin ghandu jkun kjamat fil-kawza liema talba ma kienetx opposta u (a fol 14) jirrizulta li t-Tribunal ordna li Jeffrey Montesin jigi kjamat fil-kawza.

Ra r-risposta ta' Jeffrey Montesin (a fol 16) li permezz taghha eccepixxa li t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; salvi eccezzjonijiet ulterjuri; bl-ispejjez.

Ra l-verbal ta' dan it-Tribunal (a fol 10) fil-kawza 320/2015AM3 li permezz tieghu l-partijiet qablu li x-xhieda li qed tingabar f'din il-kawza ghandha tkun applikabbli wkoll ghal din l-litigazzjoni b'dan li l-konvenut f'din l-kawza ikollu l-opportunita' li jressaq provi ohra in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu.

Ra l-affidavit tal-attur Jeffrey Montesin (a fol 15) et tal-process li permezz tieghu xehed li huwa jikkonferma dak li xehed fl-affidavit tieghu huh Mario Montesin. Xehed li huwa kien involut f'dan in-negozju mill-bidu sal-ahhar u zied li John Micallef dahak bihom ghax skont hu f'mohhu kellu biss li jissellef il-flus li kellu bzonn ghalih. L-ordni tal-inbid li suppost kien ghamel qatt ma saret u dan skoprewh meta telghu l-Bulgarija minn sid il-fabbrika stess li qallhom li huwa ma kienx ircieva tali ordni jekk semai kien ikun ircieva ma kienx ikun *worth it* ghalihom jaghmlu tali ordni. Jichad li huma kienu kkancellaw l-ordni u li l-verita' hija li l-ordni qatt ma saret. Gara li anke l-biljetti tal-ajruplan ma kienux bil-prezz li John Micallef weghduhom tant li gew jiswew aktar mid-doppju u li qal lil mara ta' huh Lucienne li kien lest jaghmel tajjeb ghad-differenza fil-prezz. Anke l-akkomodazzjoni mweghda lilhom li kienet ser issir mill-kumpanija tal-inbid ma kien minnu xejn. Gidbilhom ukoll dwar it-tariffi tal-frieghi li meta waslu lura Malta induna bid-differenza fil-prezzijiet bejn dawk li qallhom Micallef u dawk li huma saru jafu bihom. Micallef kien weghdhom li ser jirrifondilhom kollox izda minflok mar ghand huh Mario biex jissellef hames mitt ewro (€500) u kien meta Mario ma selfux li Micallef beda jitlob l-flus li skont hu kien nefaq.

Ra x-xhieda ta' John Micallef (fol 19 kawza 755/2014 AM3) li permezz taghha xehed li ilu jaf lil Mario Montesin minn ckunitu u li l-Bulgarija kien ilu gej u sejjer u l-informazzjoni dwar l-importazzjoni tal-inbid u l-kuntatti jafha personalment. Il-

persuna minghand min kien ser igib l-inbid Mario Montesin kien certu Dimitrof. Kien Mario Montesin li webbes rasu u ddecieda li jaghmel ordni tal-valur ta' elfejn u erba' mitt ewro (€2,400) li kienet tikkomprendi madwar tnejn u tletin (32) oggett li Mario Montesin kien ser igib minn barra minn Malta. Il-fornitur kien gibed l-attenzjoni tal-konvenut li ma kienx jaqbillu li jaghmel ordni ghal dak l-ammont ghax ma kienx ser jifdi l-ispejjez tad-dazju fost l-affarijiet ohra izda minkejja dan huwa webbes rasu u ddecieda li jaghmel l-ordni.

Xogholu kien ta' intermedjarju u ghalhekk jaf b'dan. Mario Montesin ma kienx kapaci jinnegozja direttament mieghu u ghalhekk kellu jidhol hu bhala intermedjarju. Jammetti li Mario Montesin ghaddielu zewg pagamenti ta' elf u mitejn ewro (€1,200) liema flus huwa ghadda direttament lil Dimitrof meta kien qed isiefer il-Bulgarija sabiex issir l-ordni. Xehed li Mario Montesin kien qed ikun infurmat direttament minn Dimitrof dwar dawn l-ordnijiet permezz ta' *e-mails*. Dimitrof kien informa lil Mario Montesin li l-ordni ma kienitx vijabbli .

Mario Montesin baqa' jinsisti li ried imur il-Bulgarija u talbu jaqtghalu l-biljetti ghalih, ghal mara, ghat-tfal tieghu u ghal huh, sitta b'kollox. Dawn swew tlett mija u erbghin ewro (€340) il- wiehed ghal erbgha u tnejn ohra tal-valur ta' erba' mija u ghoxrin ewro (€420). Mario Montesin talbu jsiblu lukanda u Micallef sablu wahda fil-vicinanzi tal-fornitur u giet tiswa madwar seba' mija u sebghin (€770) kollox. Micallef xehed li ghamel l-arrangament sabiex ikun hemm trasferiment tal-konvenut u l-familjari tieghu minn Sofia ghal Plovdiv liema arrangamenti ta' transport kienu jammontaw ghal mawar mitt ewro (€100). Kien hemm ukoll charge tal-Western Union li kien fl-ammont ta' madwar disa' u erbghin ewro (€49) in konnessjoni ma' trasferiment li kien sar ghal hlas tal-lukanda.

Micallef wkoll xehed li lil Mario Montesin ghaddielu zewg pagamenti ta' elf u mitejn il-wiehed (€1200) u seba mitt ewro (€700) ohra tal-biljetti tal-ajru total ta' tlett elef u mitt ewro (€3100). L-ordni giet kancellata u ghalhekk ma saritx. Jammetti Micallef li kien irrifondha lil Montesin Mario elf u tmin mitt ewro (€1800) fi flus kontanti u jammetti li zamm ghandu elf u tlett mitt ewro (€1,300) tal-ispejjez u ghad baqghalu jithallas l-ammont ta' elf, tlett mija u tlieta u sebghin ewro (€1,370).

In kontro-ezami John Micallef xehed li l-ordni tal-inbid ma setghetx issir f'dik l-kwantita' u xehed li l-ordni ghamluha flimkien. Ikkonferma li l-biljetti tal-ajru qataghhom hu li kienu erbgha bi prezz u tnejn bi prezz iehor. Xehed li l-flus tal-lukanda baghthom tramite persuna ohra certu Boris u li mistoqsi jekk ghamilx l-ordni tal-inbid Micallef wiegeb li ghandu jistaqsi lil Montesin u mhux lilu.

Mario Montesin (fol 25 kawza 755/2014 AM3) xehed li kien ghamel negozju qabel ma' Micallef dwar bejgh ta' xi Ipads u wara beda jhajjar lilu u lil huh Jeffrey biex jimpurtaw l-inbid. Ftehmu li jaghmlu dan li jitilghu l-Bulgaria biex jibdew in-negozjati mal-fornitur. Micallef qallhom li kien ser jirrangalhom kollox hu u kien ser jiehu jsieb li jaqta l-'flight tickets' u jiehu hsieb l-akkomodazzjoni u t-trasport gewwa l-Bulgaria. Micallef qallhom li ghandu kuntatti tajbin hafna gewwa l-Bulgarija u l-fabbrika li taghmel l-inbid.

L-ahwa Montesin ftehmu li jhallsulu l-biljett tal-ajru huma sabiex jitla maghhom u jirrangalhom kollox hu. Micallef qallhom li l-biljetti tal-ajru kienu tassew b'irhis u l-ewwel qallhom li jiswew disghin ewro (€90) kull persuna u mbaghad qallhom li l-irhas li sab kien bil-prezz ta' mija u ghaxar ewro (€110).

Mario Montesin jghid li meta ra l-biljetti daqshekk irhas ippropona li jtella lil familja tieghu u fil-31 ta' Jannar, 2014 huwa ghadda lil Micallef seba' mija u sebghin ewro (€700) tal-biljetti tal-ajru ghalih, il-mara, tlett itfal tieghu, biljett ghal huh Jeffrey u iehor ghal Micallef u pprezenta ircevuta 'Dok B'.

Fl-01 ta' Frar, 2014 huwa ghadda lil Micallef is-somma ta' elf u mitejn ewro (€1,200) sabiex ikun jista jaghmel l-ordni tal-inbid fuq prezzijiet li ftehmu fuqhom skont fattura li pprezenta bhala 'Dok C' u 'Dok D' turi dan il-pagament.

Bdiet ghaddejja korrispondenza bejn il-partijiet u diversi 'e-mails' li kienu jsiru minn ibnu Leon Montesin f'ismu u f'isem huh Jeffrey lil Micallef. Micallef kkonferma bl-'e-mail' li saret l-ordni lil Pamidov u qallhom li l-inbid qieghed fi triqtu lejn Malta u li l-inbid kellu jasal Malta qabel jitilqu fuq ghal Bulgarija fejn huma kienu ser jiltaqghu mas-sidien u diretturi tal-fabbrika 'Pamidovo Cella' gewwa l-Bulgarija u huma emmnuh izda l-inbid baqa' qatt ma wasal u fl-14 ta' Frar, 2014 kellhom suppost jitilghu l-Bulgarija izda l-biljetti tal-ajru baqghu ma waslux. Meta beda jillatika ma' Micallef dan qallhom ghax it-temp ma kienx favorevoli u spiccaw jiehdu bejn l-14 u l-21 ta' Marzu, 2014. Sadanittant Micallef baghtilhom il-programm tal-mawra taghhom gewwa l-Bulgarija

permezz ta' 'e-mail' tal-31 ta' Jannar, 2014 u pprezenta 'Dok E' u fil-21 ta' Frar, 2014 huwa rcieva 'e-mail' li l-ordni kienet saret fl-14 ta' Marzu, 2014 u li l-konsenja kienet se titlaq minn Akangevo ghal Plovidiv u li fil-15 ta' Marzu, 2014 kellha titlaq ghal Burgas minn fejn kellha tittella fuq il-vapur lejn Malta. Huwa pprezenta 'Dok F' li juri li Micallef kien qallhom li l-konsenja tal-inbid kellha titlaq lejn Malta fis-16 ta' Marzu, 2014.

Meta siefru f'Marzu l-prezz tal-biljetti tal-ajru telgha ghal tlett mitt ewro u tlieta u sebghin centezmu (€300.73c) u pprezenta 'Dok G' biex jipprova dan. Lejliet li telqu tard filghaxija bil-lejl Micallef baghtilhom messagg fuq il-'mobile' li ma setax isiefer maghhom ghax kien dahal b'urgenza l-isptar u li jekk jibghatuh kien lest li jiltaqa maghhom il-Bulgarija. Meta telghu l-Bulgarija sabu li trattativi mal-kumpanija tal-inbid ma kien hemm xejn u li dan Boris ma kienx jezisti. Marru l-fabbrika u Dimitrov qallhom li Micallef qatt ma ghamel l-ordni u ma kien hemm ebda konsenja ta' inbid fi triqtha lejn Malta u li qatt ma rcevew flus minghand Micallef.

Gew lura Malta u lil Micallef ma setghu jsibuh imkien u ghalhekk mar jiccekja dwar il-prezzijiet tat-trasport u sab li t-trasport kien jiswa elf u mitejn ewro (€1,200) u mhux erba' mija u erba' u erbghin ewro (€440) kif kien qallu Micallef. Anke l-lukanda mhux minnu kienet imhallsa mill-kumpanija Pamidov u lanqas it-trasport lejn il-lukanda u mill-lukanda ghal-ajruport.

Skont Mario Montesin l-ispejjez li ghamlu hu u huh Jeffrey kienu dawn:

Tlett elef mitejn u ghoxrin ewro (€3,220) elf mitejn u hamsin ewro plus seba' mija u sebghin ewro plus mija u ghoxrin ewro (€1,250+ €770 +€120) hallsu lil Micallef li minnhom Micallef rrifonda elf u tmien mitt ewro (€1,800) u ghalhekk fadallu bilanc ta' elf erba' mija u ghoxrin ewro (€1,420).

Sitt mija u sittin ewro (€660) tal-biljetti tal-ajru li l-Micallef qatt ma xtara u ghalhekk skont hu ma ghandu jghaddilu xejn. U ghalhekk huwa jippretendi li ghandu jithallas minn Micallef id-differenza bejn elf erba' mija u ghoxrin ewro (€1,420) u sitt mija u sittin ewro (€660) li tammonta ghal seba' mija u sittin ewro (€760), oltre mija u ghoxrin ewro (€120) li kellhom ihallsu ghal van, total ta' tmien mija u tmenin ewro (€880).

Montesin xehed li wara Micallef ma stahax imur ghandu biex isellfu hames mitt ewro (€500) izda huwa ma fdahx. Micallef kien skuza ruhu ta' dak li ghamel u qallu biex jaghtih ftit cans biex ihallas li kien fadallu ghandu.

Xehdet Lucienne Montesin mart Mario Montesin (affidavit a fol 53 kawza numru 755/2014 AM3) dwar dan in-negozju tal-inbid li kellu jibda zewgha. Xehdet li Micallef qallhom li kien sab biljetti tal-ajru mal-WizzAir u li kienu jqumu biss mija u ghaxar ewro (€110) kull biljett u li ghalhekk ddecieda li jtella lil familja u lil huh Jeffrey Montesin. Zewgha kien iqabbadha ccempel lil Micallef ghax kien ikun xoghol jew tirrispondi xi SMS li kien jibghatlu. Darba semghet lil zewgha Mario jilletika ma' Micallef fuq il-'mobile' ghax kien ibbukja l-leave ghal Frar meta suppost kellhom isiefru u kien thassar u Micallef qallu li flok flat kienu ser ituhom tlett ikmamar f'lukanda *bed and breakfast* u van li jwassalhom minn Sofia ghal Plovdiv u lura. Inkluz kien hemm ukoll vann li jwassalhom fejn kellhom bzonn matul iz-zmien li ienu ser iqattghu fil-Bulgarija.

Gara li l-Ipads qatt ma gew u Micallef baghat ragel bit-taxi u ghaddielha elf u tmien mitt ewro (€1,800). Gara li ltaqghet ma' Micallef l-isptar u qallha li fi Frar ma setghux jitilghu minhabba l-maltemp u minn fejn riedu jghaddu ghal fabbrika kien mimli silg. Baqghu li jitilghu bejn l-14 u l-21 ta' Marzu li accettat peress li habat fi zmien gheluq snin binha u Micallef qallha li ser jorganizzalha sorpriza ghal binha.

Ftit taz-zmien wara Micallef cemplilha u qallha li l-biljetti qataghhom u li ser igibhomlha d-dar u meta ghamel dan hija indunat li l-biljetti kienu tal-Air Malta u mhux tal-WizzAir u li kienu swew tlett mitt ewro u tlieta u sebghin centezmu (€300.73c) il-wiehed u mhux mija u ghaxar ewro (€110) il-wiehed kif kien weghdhom u dan jidher mill-biljetti li prezenta zewgha mal-affidavit tieghu u mhux kif qed jghid hu li erba' biljetti ta' tlett mija u erbgha ewro (€304) u tnejn ta' erba' mija u ghoxrin ewro (€420). Hija rrabjat ma' Micallef ghal dan izda huwa qallha li kien ragel bizzejjed li la ftehmu bil-mija u ghaxar ewro (€110) daqshekk kienu ser ihallsu u li kien ser jaghmel tajjeb ghad-dfferenza. Qallha wkoll li anke ghalih kien qata' biljett izda dan il-biljett huma qatt ma rawh.

Meta kienu ser jitilqu lejliet is-safra fit-13 ta' Marzu, 2014 xi t-tmienja ta' filghaxija Micallef baghtilha SMS li qalilha li dahal b'urgenza l-isptar u li ma ghandhiex tinkwieta ghax kollox kien preparat. Hija ppanikjat ghax huma qatt ma siefru wahedhom u dejjem 'tour' marru. Siefru u meta waslu Sofia sabu ragel bil-karta miktuba "Mario Montesin"

kif kien qallhom Micallef u hadhom fil-lukanda "Hotel Philippopolis" u Micallef beda jibghat l-SMS's biex jara jekk hux kollox sejjer sew. F'eghluq snin it-tifel Micallef qabbad lil wiehed jismu Boris u hadhom f'ristorant li hallsu ghalih huma.

Hemmhekk zewgha u huh indunaw li mhux minnu l-konsenja tal-inbid kienet fi triqitha lejn Malta u dan meta marru fil-fabbrika tal-inbid u Dimitrov ikkonferma li jaf lil John Micallef izda li qatt ma kien ircieva ebda ordni biex jibghat inbid lejn Malta. Meta wrewh il-'Proforma Invoices' li suppost inharget mill-kumpanija tieghu huwa qallhom li kien jaf bil-karta tal-ordni u li l-ordni trid tithallas dak il-hin.

Micallef baqa' jibghat l-SMS's li kollox sew u hallu f'idi u li Mario kellu jhallas il-hotel u kif huwa jigi jhallsu hu xi mitejn u erbghin (240) levi. Il-van ghall-airport hallsuh huma u kien jiswa mitejn u erbghin (240) levi u l-ajruplan kien fl-10.30am ta' filghoxu u mhux fl-10.30 ta' filghaxija kif hasbet hi u tilfu l-ajruplan. Sabu titjira minn Sofia ghal Fiumicino li swiet mija erbgha u tletin ewro (€134) il-wiehed u kellhom ihallsu b'kollox tmien mija u erba' ewro (€804). Minn Fiumicino ghal Malta hallsu mija u tmenin ewro (€180) il-wiehed u b'kollox hallsu elf tmien mija u erbgha u tmenin ewro (€1,884).

Meta waslu Malta indunaw li Micallef kien qarraq bihom u zewgha marad serjament. Micallef talabhom isellfuh hames mitt ewro (€500) u ovvjament huma rrifjutaw u kien minn dakinhar li huwa baghtilhom biex ihallsuh.

Lucienne Montesin tikkonferma li zewgha u huh taw lil Micallef tlett elef mitejn u ghoxrin ewro (€3,220) u li minnhom hallas lura elf u tmien mitt ewro (€1,800) u li fadallu jghaddilhom elf erba' mija u ghoxrin ewro (€1,420) li minnhom jitnaqqsu sitt mija u sittin ewro (€660) tal-valur tal-biljetti tal-ajru u li ghalhekk il-bilanc dovut huwa ta' seba' mija u sittin ewro (€760) kif ukoll mija u ghoxrin ewro (€120) tal-VAT total ta' tmien mija u tmenin ewro (€880).

**Konsiderazzjonijiet**

Din il-kawza hija kawza fejn il-provi li ngabru f'din il-kawza jghoddu ghal provi li ingabru fil-kawza numru 755/2014AM3 fl-ismijiet: **John Micallef vs Mario Montesin** u dan kif jirrizulta mill-verbal a fol 10 ta' din il-kawza.

Mill-provi irrizulta car lil dan it-Tribunal li dak li wieghed l-attur lill-konvenuti qatt ma avvera ruhu u li l-attur ma gab ebda provi li jippruvaw il-kuntrarju ta' dak li qed

jallegaw il-konvenuti fosthom id-diversi 'e-mails' u sms's li huwa kien jibghat lill-Mario Montesin u martu li qatt ma gew kontradetti minn l-istess Micallef. Micallef fix-xhieda tieghu jghid li ghadda l-pagamenti tal-ordni lil Dimitrov u fil-kontro-ezami jixhed li tali ordni ma setghetx issir. Micallef ma gab ebda provi li juru li dawn il-pagamenti saru lill-Dimitrov u ma setghax lanqas kieku ried jaghmel dan meta fil-kontro-ezami tieghu ammetta li tali ordni ma setghetx issir.

Mill-provi jirrizulta wkoll li Micallef dahal ghal ftehim ma' Montesin biex jaghmilha ta' intermedjarju u jghinhom biex jimpurtaw l-inbid mill-Bulgarija izda minn dan il-ftehim ghamel biss li qabbad lil min imur ghal familja Micallef l-'airport' u lil min johodhom f''restaurant' ghal 'birthday' tat-tifel izda minn negozju tal-inbid ma ghamel xejn u ghalhekk ma jistghax jippretendi li jithallas tal-ispejjez li allegatament ghamel.

Fuq kollox anke l-fatt li huwa rrifonda parti mill-pagamenti li kienu ghamlulu l-konvenuti ghal dan in-negozju huwa fih innifsu konferma minn l-istess attur li ma wettaqx l-obbligi tieghu li wieghed lill-konvenuti li kellu jaghmel biex jimpurtaw l-inbid f'Malta.

Fic-cirkostanzi ghalhekk dan it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad it-talba tal-attur bl-ispejjez kontra l-istess attur.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**